**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. GIANNELLA CAMILLERI BUSUTTIL**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Illum 27 ta' Frar 2025**

**Kumpilazzjoni Numru 831/2024**

**Il-Pulizija**

**(Spettur James Mallia)**

**(Spettur Colin Sheldon)**

**kontra**

**Luke Cremona**

Il-Qorti,

Rat illi **Luke Cremona**, ta' wieħed u għoxrin (21) sena, iben Francis u Patricia xebba Agius, imwieled il-Pieta' nhar it-tlieta (03) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tlieta (2003), preżentament residenti ġewwa l-Faċilita' Korettiva ta' Kordin u detentur tal-karta tal-identita' numru 208103L, ġie mressaq quddiemha akkużat talli fit-tnejn (02) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) bejn il-ħinijiet tal-għaxra ta' filgħaxija (22:00) u l-ħdax u disgħa u ħamsin minuta ta' filgħaxija (23:59), kif ukoll fis-siegħat u ġranet ta' qabel, ġewwa Triq Correa, Qormi u postijiet oħra ġewwa l-Gżejjer Maltin:-

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra, jew ġabilha disordni f'moħħha, u cioe' għamel offiża fuq il-persuna ta' Simone Xuereb, liema offiża fuq il-persuna hija ta' natura ħafifa hekk kif iċċertifikata minn Dr. Thitiphan Kimphaiboel MED6656;

2. Għamel lil Ian Xuereb u Simone Xuereb inġurji jew theddid mhux imsemmijin band'oħra f'dan il-Kodiċi, jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mill-limiti tal-provokazzjoni;

3. Kif ukoll ħebb kontra Simone Xuereb sabiex jinġurjaha, idejjaqha jew jagħmel ħsara lil din il-persuna jew lil ħaddieħor;

4. Kif ukoll volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, u ċioe' ħsara f'bieb tal-*aluminium* għad-dannu ta' Ian Xuereb u Simone Xuereb u persuni u entitajiet oħra, liema ammont ma jiskorrix l-elfejn u ħames mitt Ewro (€2,500) iżda li hu aktar minn mitejn u ħamsin Ewro (€250);

5. Talli fl-istess jum, ħin, lok u ċirkostanzi, bl-imġieba tiegħu kkaġuna lill-imsemmija persuna biża' li ser tintuża vjolenza kontriha u/jew kontra l-propjeta` tagħha u dan huwa aggravat bil-fatt illi wettaq vjolenza qabel jew waqt it-twettiq tad-delitt;

6. Naqas ukoll milli jħares xi waħda jew aktar minn waħda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Dr. Lara Lanfranco LL.D. fid-digriet mogħti nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Jannar tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) u/jew il-ħdax (11) ta' Ġunju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) u li permezz tiegħu l-istess Luke Cremona ngħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet.

7. Naqas ukoll milli jħares xi waħda jew aktar minn waħda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D. fid-digriet mogħti nhar is-sbatax (17) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) u li permezz tiegħu l-istess Luke Cremona ngħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet.

Il-Qorti ġiet mitluba toħroġ Ordni ta' Protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża kontra Luke Cremona a benefiċju ta' Ian Xuereb u Simone Xuereb u dan ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex f'każ ta' ħtija, sabiex tipprovdi għas-sigurta' tal-persuna ta' Ian Xuereb u Simone Xuereb jew sabiex tinżamm il-bon ordni pubblika, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil Luke Cremona billi tapplika l-Artikoli 382A et seq tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq u, jew torbot lil Luke Cermona b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq.

Il-Qorti hija ukoll ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita skont il-liġi, tapplika il-provvedimenti tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li matul is-seduta ta' nhar il-wieħed u għoxrin (21) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024), l-Uffiċjali Prosekuturi taħt ġurament ikkonfermaw l-imputazzjonijiet bil-ġurament tagħhom u matul il-kors tal-eżami tal-imputat skond l-Artikoli 392 u 370(4) tal-Kodiċi Kriminali l-istess imputat wieġeb li ma kellux oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja[1];

Rat il-kunsens tal-Avukat Ġenerali ta' nhar il-ħdax (11) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) li permezz tiegħu iddikjara li kien qiegħed jagħti l-kunsens tiegħu sabiex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja[2];

Rat li matul l-istess eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat, debitament assistit tenna li ma kienx ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih.

Semgħet ix-xhieda;

Rat l-atti proċesswali kollha tal-każ odjern u d-dokumenti eżebiti;

Rat li fl-udjenza ta' nhar id-dsatax (19) ta' Frar tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025), l-imputat rreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet numru erbgħa (4), ħamsa (5), sitta (6) u sebgħa (7) dedotti fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni ġiet minnu konfermata wara li ai termini ta' l-Artikolu 392A(1) tal-Kodiċi

[1] A fol. 24 tal-atti proċesswali
[2] A fol. 14 tal-atti proċesswali

Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti wissietu bl-iktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali ta' l-ammissjoni tiegħu u ngħata biżżejjed żmien sabiex jerġa' jirrikonsidra l-ammissjoni tiegħu u jerġa' lura minnha;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat**

Illi l-*parte civile* Ian Xuereb u Simone Xuereb, irrinunzjaw għall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat, safejn tali azzjoni hija rinunzjabbli stante li ddikjaraw li huma ħafru lill-imputat. L-imputat aċċetta tali rinunzja u għalhekk l-imputazzjonijiet numru wieħed (1), tnejn (2) u tlieta (3) ġew estinti;

L-imputat ammetta l-imputazzjonijiet numru erbgħa (4), ħamsa (5), sitta (6) u sebgħa (7) dedotti fil-konfront tiegħu u dawn għalhekk ġew sodisfaċentement pruvati skond il-liġi.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti qieset in-natura tar-reati li bihom ġie mixli l-imputat u li tagħhom huwa ddikjara li huwa ħati, iċ-ċirkostanzi tal-każ, kif ukoll, il-fedina penali tal-imputat.

**Decide**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, din l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 214, 215, 221(1)(4), 251(1)(3), 251H(f), 325(1)(b), 339(1)(d), 339(1)(e), 339(2), 579(2), kif ukoll l-Artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda tiddikjara proċediment estint fir-rigward tal-ewwel (1), it-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjoni u dan fid-dawl tar-rinunzja da parti tal-parti leża, filwaqt illi qegħda ssib lill-imputat ħati tar-raba' (4), il-ħames (5), is-sitt (6) u s-seba' (7) imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u qegħda tikkundannah għall-piena ta' **sentejn priġunerija**, li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda tiġi **sospiża għal żmien tliet (3) snin mill-llum**, kif ukoll multa ta' erba' mitt ewro (€400).

Illi b'applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kodiċi Kriminali il-multa tista' titħallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' ħamsin ewro (€50) fix-xahar. F'każ li l-ħlas ikun ser isir b'rati mensili, il-multa hawn imposta għandha titħallas fi żmien disa' (9) xhur u l-ewwel pagament għandu jsir fi żmien xahar mill-llum, b'dana li jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed, l-ammont sħiħ jew kwalunkwe bilanċ

rimanenti jiġi dovut minnufih u jekk dan ma jitħallasx jiġi konvertit fi priġunerija skond il-liġi.

Il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċari u sempliċi, il-konsegwenzi skont il-liġi kemm-il darba huwa jikkommetti reat ieħor punibbli bi priġunerija waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

In oltre, għalkemm fuq ammissjoni, l-imputat instab ħati tas-sitt (6) u s-seba' (7) imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu, dina l-Qorti ma tistax tordna l-konfiska tal-ammont tal-garanzija stabbiliti fid-digrieti tal-ħelsien mill-arrest ġjaladarba l-istess digrieti ma ġewx ippreżentati fl-atti proċesswali.

In vista tad-dikjarazzjoni tal-Prosekuzzjoni li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, mhux qegħda tinsisti fuq it-talbiet tagħha ai termini tal-Artikolu 382A *et sequitur* tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti qegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet tal-prosekuzzjoni ai termini tal-Artikoli 382A *et sequitur* tal-Kodiċi Kriminali.

Peress illi f'dawn il-proċeduri ma ġew nominati l-ebda esperti, il-Qorti qegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Maġistrat Dr. Giannella Camilleri Busuttil

Deputat Reġistratur Michela Attard Deguara